MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2006

Citazzjoni Numru. 6/1999/1

Gorg Vella bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Giuseppe Vella, Grazia mart Louis Mizzi, Joseph, Maria xebba, Josephine mart Joseph Sultana, Rita xebba, ahwa Vella; Silvia mart Gorg, Rita mart Evarist ahwa Grima; Celest, Francesca mart Louis Galea, Carmela mart Carmelo Abela ahwa Grech; Saverio, Antonietta mart Joseph Cini, Pawlu, Luigi, Mary mart George Attard, Carmela mart Joseph Galea, ahwa Dimech; Celest, Giuseppa mart Francesco Buttigieg, Carmela mart Frenc Buhagiar, Luigia mart Joseph Bonello, Maria mart Gio Maria Stellini, Georgia mart Carmelo Sultana, ahwa Cordina.

vs

Reverendu Charles Cini

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li tghid:

Illi fl-erbatax (14) ta’ Settembru elf disa’ mija u tmienja u tmenin (1988) miet Guzepp Vella bin il-mejtin Gorg u Ursula nee’ Cini mwieled Victoria, Ghawdex, u l-istess Guzepp Vella rregola s-successjoni tieghu permezz ta’ testament fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tad-disgha ta’ Jannar elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) li fih ma nnomina l-ebda werrieta izda halla biss b’titolu ta’ legat id-dar li kellu fi Pjazza San Sabina, Victoria, Ghawdex, u nnomina bhala ezekutur testamentarju tieghu lill-konvenut bil-fakoltajiet kollha soliti moghtija lil simili ezekuturi;

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza volontarja taghha, sussegwentement ikkonfermat lill-istess konvenut bhala ezekutur testamentarju ta’ l-assi ereditarju tad-decujus fuq imsemmi;

Illi l-konvenut biegh il-proprjeta’ immobbli mhux imhollija b’legat kif fuq imsemmi u sussegwentement l-imsemmija Qorti b’digriet taghha tal-hmistax (15) ta’ Mejju elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998), liema digriet igib in-numru tlieta u hamsin ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u disghin (53/98), ordnatlu jqassam ir-rikavat mill-ezekutorija lill-werrieta kollha u ghal dan l-iskop ipprefiggitlu t-terminu ta’ xahar;

Illi l-atturi huma l-werrieta ‘ab intestato’ tad-decujus hlief ghal Gorg Vella li huwa l-ezekutur testamentarju odjern kif hawn taht spjegat;

Illi fil-hmistax (15) ta’ Mejju elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) l-atturi pprezentaw ittra ufficjali lill-konvenut li permezz taghha nterpellawh sabiex iqassam ir-rikavat mill-ezekutorija lill-werrieta izda baqa’ inadempjenti;

Illi l-konvenut baqa’ inadempjenti u minn fuq permezz ta’ rikors ta’ l-ghaxra (10) ta’ Lulju elf disa’ mija u tmienja u

disghin (1998) issottometta li m'ghandux iqassam ir-rikavat lill-werrieta qabel l-ezitu ta' kawza li kien ser jaghmel sabiex jattakka digriet iehor ta' l-istess Qorti li llkwidatlu l-onorarju tieghu bhala esekutur testamentarju a bazi tar-rapport li ghamel il-Perit Revizur mahtur mill-Qorti ghal dan l-iskop;

Illi l-Qorti b'digriet iehor taghha tal-hmistax (15) ta' Lulju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) ipprefiggietlu terminu ta' gimgha biex jipprezenta d-debita citazzjoni fil-Qorti kontenzjuza izda l-konvenut xorta baqa' inadempjenti;

Illi l-konvenut mhux biss injora l-ordni tal-Qorti tal-hmistax (15) ta' Mejju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) imma sahansitra rtira mill-Bank fejn kienu depozitati l-flus kollha rikoverati mill-bejgh ta' l-assi mmobiljari fuq imsemmija u flus ohrajn li jappartjenu lill-assi ereditarju fuq imsemmi u ma ta' l-ebda rendikont lil hadd mill-werrieta dwar x'ghamel bihom;

Illi b'digriet iehor tas-sittax (16) ta' Settembru elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) il-Qorti ddikjarat illi l-konvenut baqa' jisfida u jinjora l-ordnijiet taghha bl-iktar mod sfaccat u ghalhekk irrevokatlu l-inkarigu tieghu ta' ezekutur testamentarju u hatret minfloku lill-attur Gorg Vella u ordnat lill-konvenut sabiex jikkunsinna mmedjatament il-flus li l-konvenut irtira mill-bank u li jappartjenu lill-ezekutorija flimkien mad-dokumenti relattivi izda ghal darb ohra l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm gie debitament notifikat bl-istess digriet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru elf disa' mija u tmienja u disghin (1998);

Illi ghalhekk l-atturi ntavolaw citazzjoni li permezz taghha talbu lill-Qorti tordna lill-konvenut biex jiddikjara xi flus ghandu f'idejh appartenenti lill-istess assi ereditarju u sabiex jikkunsinna l-istess flus;

Illi permezz ta' cedola ta' depozitu numru erba' mija u tnejn ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (402/98) ipprezentata fit-tnejn (2) ta' Novembru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) il-konvenut iddepozita s-somma ta' erba' u sebghin elf lira maltin (Lm74,000) biex jigu

liberament zbankati mill-ezekutur testamentarju l-gdid Gorg Vella;

Illi l-imsemmija somma ta' erbgha u sebghin elf lira maltin (Lm74,000) ma tirraprezentax ir-rikavat kollu li l-konvenut gabar mill-imsemmija ezekuterija flimkien mal-imghax fuq l-istess rikavat;

Illi l-konvenut naqas milli jaqdi dmiru sewwa bhala ezekutur testamentarju u b'hekk ikkawza danni kbar lill-werrieta konsistenti f'telf ta' imghax, fi spejjez gudizzjarji u fi spejjez ta' konsulenza legali u spejjez ohra konnessi;

Talbu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tillikwida l-ammont shih ta' flus li jirraprezenta r-rikavat intier ta' l-imsemmija eredita' flimkien mal-imghaxijiet fuq l-istess ammont skond il-ligi;

2. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas il-bilanc ta' l-ammont hekk likwidat wara li titnaqqas is-somma ta' erbgha u sebghin elf lira maltin (Lm74,000) gja depozitata kif fuq imsemmi;

3. tiddikjara li l-konvenut ikkawza danni konsistenti f'telf ta' imghax, spejjez legali u ta' konsulenza u spejjez ohra lill-atturi kollha u dan peress illi huwa naqas li jaqdi dmiru sewwa bhala ezekutur testamentarju;

4. tillikwida l-istess danni u spejjez sofferti mill-attur inutilment;

5. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi kollha d-danni hekk likwidati;

B-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kollha pprezentati kontra l-konvenut mill-atturi jew min minnhom u tar-rikorsi u proceduri ohra li l-atturi istitwew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja; bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ingunzjoni minn issa stess tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi flimkien mal-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tar-Reverendu Charles Cini li fiha eccepixxa:

1. li preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi l-eccipjenti huwa residenti fil-gzira ta' Malta;

2. li preliminarjament ukoll in-nullita' tal-hatra ta' l-attur nomine Gorg Vella bhala esekutur testamentarji tal-mejjet Giuseppi Vella u konsegwentement il-karenza ta' interess guridiku ta' l-istess Gorg Vella;

3. li preliminarjament ukoll in-nullita' ta' l-azzjoni kif imposta mill-atturi in kwantu li dawn mhumiex l-eredi kollha tal-wirt ta' Giuseppe Vella u ghalhekk ma jistghux ifittxu hlief ghall-interess taghhom wara li jitolbu likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess wirt;

4. li minghajr pregudizzju u fil-meritu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in kwantu qed jigu pretizi xi bilanci minghand l-esponent ghaliex dan ghadda lill-werrieta l-flus kollha derivanti mill-wirt ta' Giuseppe Vella anke bi provvediment ghall-imghax, fir-rigward ta' liema hlas ta' flus anke nghatat sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fid-29 ta' Jannar 1999 fl-istess ismijiet (207/98) u effettivament il-werrieta kollha accettaw il-flus derivanti mill-wirt kif imhallsa mill-esponent;

5. li l-premessi kollha ta' l-azzjoni attrici safejn jittrattaw allegat nuqqas ta' l-esponent sabiex jobdi jew isegwi direttivi ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha, huma bla bazi fil-ligi ghaliex dak kollu li sar quddiem dik l-Onorabbli Qorti kif imsemmi huwa kontra l-ligi.

6. li huwa ma kkawza l-ebda danni lill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza taghha tas-16 ta’ Frar 2001 li biha ddisponiet mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut (folio 35 et seq) konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru 2001;

Rat is-sentenza taghha tal-24 ta’ April 2003 li biha iddisponiet mit-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati mill-konvenut (folio 91 et seq) u rat l-appell interpost mill-konvenut u deciz mill-Prelodata Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Frar 2004 li ddikjartu iritu u null minhabba karenza fl-osservanza ta’ l-Artikolu 231(1) tal-kap 12.

Ezaminat ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti nkluzi dawk tar-rikorsi degretati mis-Sekond Awla’ ta’ din il-Qorti u li taghhom intalbet l-allegazzjoni f’dawn l-atti;

Rat il-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut ipprezentati mill-atturi fl-udjenza tat-28 ta’ Marzu 2006, liema kapitoli gew miftuha u nqraw fl-udjenza tal-21 ta’ April 2006 fl-assenza tal-konvenut li debitament imsejjah ma deherx;

Rat il-verbal taghha ta’ dakinhar stess;

Ikkonsidrat:

Tajjeb jigi rikapitolat, succintament, l-isfond li ppreceda l-azzjoni odjerna esperita mill-atturi kontra l-konvenut. Din hi kontenuta fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni ta’ l-atturi annessa mac-citazzjoni taghhom li tispjega illi fl-14 ta’ Settembru 1988 miet Giusepp Vella, l-awtur ta’ l-atturi, li permezz ta’ testament fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tad-9 ta’ Jannar 1986, kien innomina bhala

esekutur testamentarju tieghu lill-konvenut. Ghajr ghad-disposizzjoni ta’ legat li bih iddispona mill-fond fi Pjazza San Sabina, Victoria, id-decujus ma ghamel ebda disposizzjoni dwar werrieta. Ergo, il-konvenut qua esekutur testamentarju, wara d-debita konferma, assuma l-vesti ta’ mandatarju kemm tad-decujus kif ukoll tal-werrieta ‘ab intestato’, u minnufih assuma fuqu l-obbligu li jesegwixxi l-mandat ghaz-zmien kollu tal-inkarigu b’daqstant wkoll li assuma responsabbilta’ li jwiegeb ghad-danni, sija jekk doluzi u sija jekk dovuti ghal negligenza, oltre ghall-imghaxijiet. Fil-fatt l-azzjoni odjerna ntavolata mill-atturi hija sostanzjalment wahda ta’ danni li l-atturi stess iddentifikaw fin-nuqqas tal-konvenut li jghaddi l-ammont shih ta’ flus rapprezentanti r-rikavat intier ta’ l-eredita’, flimkien ma’ l-imghaxijiet li ddekorrew, u fi spejjez legali u ta’ konsulenza u spejjez ohra li ma gewx u baqghu mhux identifikati.

Intant, il-provi fil-kawza jikkonsistu kwazi fl-intier minn dokumenti b’referenza ghar-rikorsi quddiem il-Qorti Volontarja, li jissemmew aktar ‘l-isfel, u mill-kapitoli pprezentati mill-atturi.

In propositu ghall-kapitoli, ghandu jinghad, li hi gurisprudenza affermata li minkejja n-nuqqas tas-subent illi jipprezenta ruhu biex jirrispondi ghall-kapitoli, f’liema eventwalita’ il-kapitoli ghandhom jigu intizi konfessati u jaghmlu prova tal-kontenut, il-qorti xorta ghandha qabel tifforma l-gudizzju, tikkonduci ezami ta’ dik il-prova, fid-dawl ta’ provi ohra li jkunu gja gew prodotti quddiemha u dana qabel ma tghaddi ghad-decizjoni taghha. Affermat, oltre, il-Qorti tal-Appell (ara *Vol.XXV.i.1126*) li “il-konfessjoni naxxenti mill-kapitoli hija biss prezunta li tista’ tikkostitwixxi l-prova unika u inkonkussa fil-kaz biss li ma jkunx hemm provi ohra *dalle quali possa essere indebbolito il valore”.* Li l-istess Qorti, komposta differentement, fil-kawza *James Trapani et vs Vincent Cilia (Vol LXXXIV.ii.68)* fissret b’aktar enfasi “li ghalhekk meta [bhal fil-kaz in ezami] s-subizzjoni tintalab fil-kors tat-trattazzjoni ossija wara li l-istadju tal-provi jkun diga inoltra

ruhu u jkunu ddeponew diversi xhieda u gew prodotti dokumenti in sostenn tat-talbiet jew l-eccezzjonijiet… mhux korrett li jinghad b'mod asjomatiku li 'l-konvenut ma rrispondiex ghall-kapitoli u ghalhekk il-kapitoli gew mistqarra' [stante] li jkun se mai gie mistqarr il-fatt li l-prova tieghu tkun trid issir skond id-domandi fil-kapitoli [u b'daqstant ghalhekk] li l-qorti kellha wkoll tindaga jekk tali stqarrija kinitx zmentita b'mod konvincenti mill-provi l-ohra li jkunu lahqu gew prodotti; dana apparti l-validita' intrinsika tad-domandi kontenuta fil-kapitoli maghmula in subizzjoni; domandi li kellhom necessarjament ikunu indirizzati biex jottjenu risposta li tistabilixxi fatti li kellhom jigu pruvati [u li] kellhom ikunu domandi tali wkoll illi s-subent seta' kien f'posizzjoni li jipprova personalment bit-twegiba tieghu affermattiva jew negattiva….; id-domandi fil-kapitoli allura kellhom ikunu tali li fil-ligi jkunu ammissibbli li jsiru lis-subent u li r-risposta ghalihom setghet potenzjalment tinghata minnu b'mod li tkun tikkostitwixxi prova valida fil-process".

Ghal dak li huma provi m'hemm kwazi xejn li gie offrut in via ta' xhieda. Pero' fuq talba tal-konvenut (ara folio 84), wara li fl-udjenza immedjatament qabel ossija tat-30 ta' April 2002 l-atturi kienu ddikjaraw li ma kellhomx provi aktar, kienu gew allegati l-atti tar-rikors numru 40/98, koncernanti s-sostituzzjoni tal-konvenut bhala esekutur testamentarju, u l-atti tar-rikors numru 121/1994, it-tnejn trattati mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, minbarra li l-konvenut esebixxa tliet dokumenti permezz ta' nota pprezentata fit-28 ta' Gunju 2006, konsistenti dawn f' kopja ta' sentenza tad-29 ta' Jannar 1999 moghtija minn dina l-Qorti diversament preseduta (dok. CCI), kopja ta' cedola ta' depozitu numru 402/98 (dok. CC2), u kopja ufficjali ta' rikors ghall-izbank u digriet (CC3).

Il-kapitoli kontra l-konvenut gew ipprezentati fit-28 ta' Marzu 2006 u nfethu u nqraw fil-21 ta' April 2006. Kienu jikkonsistu fid-domanda – "illi bis-subizzjoni tieghek irridu nippruvaw illi inti debitur ta' l-atturi fis-somma tad-differenza bejn l-ammont dikjarat dovut mill-perit revizur

Dr. Carmelo Galea u l-ammont depozitat fil-qorti mill-konvenut".

L-ezercizzju ghalhekk li ghandu jigi kondott, tenut kont l-kapitoli u l-provi, jimporta biss ezami bejn l-ammont depozitat, u accettat li gie depozitat u zbankat taht l-awtorita' ta' din l-Qorti fil-veste taghha ta' Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, u l-ammont likwidat mill-perit revizur fir-relazzjoni tieghu li tinsab fl-atti tar-rikors numru 112/98 allegat ma' dawn l-atti - dan kollu abbinat mad-digriet tat-28 ta' Jannar 1998 ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fil-veste taghha ta' Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja (ara folio 304 fl-atti tar-rikors numru 121/94).

Fid-dawl ta' dan kollu u fit-termini tad-digriet fuq riferut din il-Qorti jirrizultalha li l-konvenut ghandu jirrifondi s-somma ta' Lm119.61 bl-imghax tat-tlieta fil-mija skond ic-citat digriet dekorribbli mill-20 ta' Mejju 1995 (id-data li fiha l-konvenut kien gie moghti biex jipprezenta r-rendikont skond id-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tad-19 ta' Mejju 1995 – folio 117 fl-atti tar-rikors 121/94) sal-effettiv pagament.

Issa mill-atti jirrizulta li l-ammont rizultanti bhala rifondibbli mill-konvenut ma jispettax fl-intier lill-atturi stante illi m'humiex il-werrieta kollha.

Ghaldaqstant, tiddisponi u taqta' fuq t-talbiet ta' l-atturi, illi:

1. tilqa' l-ewwel zewg talbiet u tillikwida l-ammont fis-somma ta' Lm119.61 bl-imghax tat-3% dekorribbli mill-20 ta' Mejju 1995 sal-effettiv pagament liema somma tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi skond is-sehem li kull wiehed u wahda minnhom jispettahom mill-wirt;

2. tichad it-tliet talbiet sussegwenti.

Fic-cirkostanzi jidrilha li l-ispejjez ghandhom ikunu fl-intier a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------